**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru. 439/2017

**Il-Pulizija**
**Spettur Mark Mercieca**
**Spettur Nicholas Vella**

**Vs**

**James Farrugia**
**Mary Grace Grima**

Illum, 4 ta Settembru 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti James Farrugia, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 154992M u Mary Grace Grima, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli nhar id-9 ta' Awwissu, 2015, ghall-habta tas-18:00hrs u anke matul is-sieghat ta' qabel, gewwa l-Imgarr:

1. Iffalsifikaw jew biddlu minghajr kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol mohh, jew tal-prodott tal-industrija, jew xjentement ghamlu uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati jew imbiddlin ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;

2. Xjentement ghamlu uzu ta' marka, sinjali, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghu merkanzija b'din il-marka, sinjal jew emblema;

3. Xjentement qieghdu fic-cirkolazzjoni, bieghu jew zammew ghandhom ghall-bejgh jew importaw ghal hsieb ta' kummerc merkanzija b'marka, sinjal jew emblem imxebbhin b'qerq;

L-appellant James Farrugia gie akkuzat wahdu talli:

1. Renda ruhu recediv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenza tal-Qorti ta' Malta, mill-Magistrat Dr Francesco Depasquale LL.D. datata nhar il-25 ta' Novembru, 2014, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta' Ottubru, 2017 fejn il-Qorti rat l-artikolu 17 u 298(1)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u fil-konfront ta' James Farrugia wahdu anke l-artikoli 49 u 50 tal-istess Kapitolu, filwaqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni, sabet lill-imputati hatja tat-tielet imputazzjoni, kkundannat lil James Farrugia ghal sitt xhur prigunerija filwaqt li kkundannat lil Mary Grace Grima ghal hames xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal erbatax il-xahar millum.

Inoltre` wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat lil hatja jhallsu bejniethom lill-parte leza s-somma ta' €370.

Finalment bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lill-hatja jhallsu bejniethom l-ammont ta' €458.78 rapprezentanti spejjez peritali.

Il-Qorti spjegat lill-hatja Grima l-konsegwenzi jekk tikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellanti James Farrugia u Mary Grace Grima minnhom pprezentat fis-6 ta' Novembru, 2017 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata u dana billi:

a) Filwaqt li tikkonfermaha in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni;
b) Thassarha in kwantu s-sejbien ta' htija tat-tielet imputazzjoni fil-bqija u tillibera lill-esponenti mill-piena; u
c) Fl-eventwalita` biss li t-tieni talba tigi michuda u b'hekk il-htija tigi kkonfermata, li l-piena mposta fuq l-esponenti tigi mibdula sabiex tkun wahda aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern minghajr l-addebitu tar-recidiva.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

**A. <u>Dwar l-Oneru tal-Prova u l-'Best Evidence Rule</u>**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit"*

L-Artikolu 638(1) tal-Kodici Kriminali jistipula li:

*"Bhala regola ghandu titqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti u li ma jithalla barra ebda xhud li x-xhieda tieghu ikun importanti."*

Di piu' l-artikolu 520(1)(d) tal-Kodici Kriminali jrendi lill-artikolu 559 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili applikabbli ghall-qrati tal-gustizzja kriminali. L-artikolu 559 tal-Kap 12 jistipula illi:

*"Il-Qorti ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li l-parti tista' ggib."*

Illi sabiex l-appellanti setghu jinstabu hatja taht l-artikolu 298 tal-Kodici Kriminali, indubbjament kemm l-ispirtu tal-Ligi kif ukoll il-kazistika jghallmuna illi ghalkemm a bazi tal-artikolu 302 tal-Kodici Kriminali l-oneru tal-prova tax-xjenza ddur lejn id-difiza, madanakollu l- Prosekuzzjoni kellha l-obbligu legali li tipprova illi d-ditta 'Samsung' ghandha certi marki, sinjali distintivi jew drittijiet tal-awtur appartenenti lill-istess ditta u li konsegwentament tali ditta tgawdi xi forma ta' protezzjoni.

Fil-fatt il-Prosekuzzjoni fl-ebda punt jew stadju fil-mori ta' dawn il-proceduri quddiem l-Ewwel Onorabbli ma pprezentat u ppruvat liema huma dawk il-marki jew marki distintivi li jappartjenu lid-ditta Samsung. Galadarba hawnhekk qeghdin f'awla penali u tali prova baqghet qatt ma ngabet, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt tistrieh fuq assunzjonijiet u ghaldaqstant il-massima legali *'quod non est in acti, non est in mundo'* hija applikabbli ghal kaz odjern.

Galadarba tali provi baqghu qatt ma gew prodotti, l-esponenti ma setghu qatt jinstabu hatja tal-imputazzjoni taht l-artikolu 298(1)(f).

Ghalkemm l-ewwel Onorabbli Qorti a fol. 7 tas-sentenza appellata ssostni illi "jirrizulta bic-car l-isem tad-ditta u mudell partikolari – Samsung Galaxy S6. Dan

jirrizulta mill-*mobile* u l-kaxxa tieghu ezebita kif ukoll mir-relazzjoni tal-espert Farrugia Sacco" madanakollu dana ma jfissirx illi d-ditta Samsung tgawdi xi forma ta' protezzjoni u/jew li kien hemm xi forma ta' lezjoni tad-drittijiet appartenenti lid-ditta Samsung.

L-esponenti jaghmlu referenza ghal sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Mario Giovanni Taliana'[1]:**

*"Il-Qorti jidhrilha li f'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni naqset milli ggib l-aqwa u l-ahjar prova sabiex ikunu jistghu ireggu l-akkuzi fil-konfronti tal-imputat, u cioe hija naqset milli ggib il-prova ta' x'inhuma il-marki, sinjali distintivi jew drittijiet tal-awtur appartenenti lid-ditta Louis Vuitton." Din il-prova kellha u setghet issir billi jigu prodotti tramite l-Ufficju tal-Kontrollur tal-Propjeta' Industrijali c-certifikati tar-registrazzjoni tal-imsemmija ditta….. **Il-Qorti ghalhekk ma tistghax tivverifika jekk effettivament l-oggetti konfiskati mill-hanut propjeta' tal-imputat mill-Pulizija kienux qed jigu spaccjati bi ksur ta' drittijiet appartenenti lis-socjeta' kwerelanti ghaliex ma ngabitx il-prova ta' x'kienu d-drittijiet appartenenti lis-socjeta' kwerelanti."*** (sottolinear tal-esponenti)

Kif gie ritenut fil-kawza, 'Il-Pulizija vs Nazzareno sive Reno Zarb[2]

"Illi l-artikolu 638 (1) tal-Kodici Kriminali jiddisponi li "Bhala regola, ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti…" u dan in omagg ghar-regola tal-"best evidence". Illi appropozitu l-ARCHBOLD "Criminal Pleading Evidence and Practice". (p.347) jghid :-

---

[1] Deciza nhar il-25 ta' Gunju, 2010 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura kriminali per Mag. Dr. A. Demicoli – Procederui Res Judicata minghajr appell

[2] Deciza nhar il-31 ta' Awwissu, 2006 mill-Qorti tal- Appell Kriminali per Imhallef J. Galea Debono

*"It is a general rule that the best evidence of which the nature of the case will admit must be produced, if it can possibly be obtained; if not, then the next best evidence that can be obtained is admitted….."*

Fl-umli fehma tal-esponenti, fir-rigward tal-kaz *de quo,* huwa zgur illi ghalkemm jirrizulta l-isem tad-ditta u l-mudell partikolari kemm mill-kaxxa kif ukoll mill-*mobile* stess; madanakollu dan mhux bizejjed sabiex tigi pruvata:

1. Jekk id-disinn tal-isem u l-mudell misjuba fl-atti jixbhux o meno dawk awtentici;
2. Li tali ditta kellha xi drittijiet appartenenti lilha f'Malta

B'hekk ma kienx bizejjed sabiex l-esponenti jinstabu hatja ta' qerq fil-kummerc u fl-industrija.

Ghaldaqstant l-esponenti jemmnu bis-shih illi fid-dawl tac-cirkustanzi odjerni l-aqwa u l-ahjar prova sabiex setghu ireggu l-akkuzi fil-konfront taghhom, kienet il-prova ta' x'inhuma d-drittijiet tal-awtur appartenenti lid-ditta Samsung. Din il-prova kellha u setghet facilment issir billi jigu prodotti tramite l-Ufficcju tal-Kontrollur tal-Propjeta' Industrijali, ic-certifikati tar-registrazzjoni tal-imsemmija ditta. Madankollu tali prova baqghet qatt ma giet prodotta u konsegwentament l-appellanti ma setghu qatt jinstabu hatja tal-imputazzjonijiet hekk kif migjuba kontra taghhom u dana a bazi tal-principju *'quod non est in acti, non est in mundo.'*

**B. <u>Dwar it-tielet imputazzjoni u l-provi prodotti b'relazzjoni ma' din l-imputazzjoni</u>**

**B.1 Generali**

Dan l-aggravvju qieghed jingieb 'il quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravvju precdenti u fl-eventwalita' biss li l-aggravju precedenti jigi skartat.

Illi fil-kaz odjern, l-appellanti instabu hatja b'reat ta' qerq fil-kummerc u fl-industrija u bi ksur tad-drittijiet tal-awtur jekk kif salvagwardjati permezz tal-Artikolu 298 tal-Kodici Kriminali. Fil-mori ta' dawn il-proceduri quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, il-Prosekuzzjoni allegat li l-appellanti xjentament bieghu merkanzija b'marka, sinjal jew emblem imxebbhin b'qerq, Effettivament l-esponenti qatt ma merew is-sewwa maghruf illi kienu huma illi effettivament bieghu dak il-'*mobile phone*' lill-parte leza, madanakollu huma dejjem nnegaw l-allegazzjoni illi huma, qabel l-istess bejgh, kienu konxji illi tali *mobile phone* ma kienx genwin.

Minn qari akkurat tal-artikolu 298 tal-Kap 9 u tal-artikoli li jipprocedu, jemergi illi fil-kaz tar-reat tal-qerq fil-kummerc, id-'dolo' huwa prezunt u l-oneru tal-prova jaqa' fuq l-akkuzat. Dan ifisser li galadarba l-Prosekuzzjoni tipprova illi tali *'mobile phone'* ma kienx genwin, l-oneru tal-prova tax-xjenza ddur lejn id-difiza.

In oltre l-artikolu 302 tal-Kap 9 jistipula:

Fil-kazijiet imsemmijin fl-artikolu 298(1)(f), jitqies li l-akkuzat mexa dolozament, kemm-il darba ma jippruvax -

(a) illi, wara li ha l-prekawzjonijiet kollha mehtiega sabiex ma jiksirx id-disposizzjoni tal-paragrafu hawn fuq imsemmi, hu ma kellux, fiz-zmien li ghamel id-delitt li fuqu jkun akkuzat, ragun jahseb illi l-marka jew sinjal ma kinux veri; u
(b) illi, meta gie mistoqsi minn membru tal-Pulizija, huwa ta t-taghrif kollu li seta' jaghti dwar il-persuni li minn ghandhom gieb dik il-merkanzija; u
(c) illi mill-bqija huwa mexa bla hazen.

**B.2 Dwar ix-xjenza tal-appellanti dwar in-nuqqas ta' awtenticita' tal-*mobile***

L-Ewwel Onorabbli Qorti setghet facilment tikkonstata, kemm mir-relazzjoni u x-xhieda tal-espert tal-Qorti Dr Farrugia Sacco, li d-differenza bejn il-prodott originali u dak kontrafatt m'humiex daqshekk evidenti u ovvji u wiehed jinduna bihom biss meta jezamina zewg prodotti hdejn xulxin jew meta ssir analizi fid-dettal tas-*software* in kwistjoni, bhalma ghamel l-espert.

Primarjament l-esponenti jaghmlu referenza ghall-PIRS Report[3] fejn il-parti leza stess jistqarr illi "Jiena dak il-hin kien jidher li kollox kien jidher originali u kif suppost fejn jidhol *camera*, *applications*, etc." Il-Parti leza kompla jikkorrabora tali stqarrija fid-deposizzjoni tieghu ta' nhar it-18 t'April, 2016 fejn a fol. 11 jsostni illi "bdejt niccekkja l-*mobile* u s-software u applications kollox kien jindika li kien Samsung Galaxy S6."

Kif jixhed Dok AA[4], prodott fil-mori ta' dawn il-proceduri quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, il-parti leza stess ikkomunika mal-esponenti u nfurmahom li l-*mobile* kien "a very good clone". Tant hu hekk illi jikkonferma dak li huwa stess kien sostna aktar qabel matul l-istess proceduri li "d-dehra tieghu kienet ta' wiehed originali u l-*applications* li kienu nstallati fuqu kienu kollha tas-Samsung."[5]

L-istess verzjoni hija kkorraborata wkoll mir-rapport u r-relazzjoni tal-espert tekniku Dr Farrugia Sacco. A fol. 4 tar-relazzjoni tieghu, l-espert tekniku mahtur mill-Ewwel Onorabbli Qorti kkonkluda illi:

---

[3] Vide fol. 2 et seq. tal-Atti Processwali

[4] Vide fol. 65 tal-Atti Processwali

[5] Vide fol. 58 tal-Atti Processwali

"Minn ezami viziv jirrizulta li dan ic-cellulari mhuwiex originali, **ghalkemm jinghad li mhuwiex facli li wiehed mad-daqqa ta' ghajn jinduna b'dan**." (sottolinear tal-esponenti)

*In oltre* l-istess espert a fol. 7 tal-istess relazzjoni, f'punt 2.12 jikteb illi l-*mobile* in kwistjoni, ossia dak mibjugh mill-appellanti lill-parti leza, kien jahdem permezz ta' Android software, ossia l-istess *software* "li huwa komunament uzat fuq Samsung."

*Di piu'* fid-deposizzjoni tieghu ta' nhar l-14 ta' Marzu, 2017, l-espert Dr Farrugia Sacco[6] sostna illi **"… ma nahsibx li bniedem fit-triq ha jinduna mall-ewwel. Jekk joqghod jezaminah forsi jigih xi dubju u ovvjament jekk jaghmel ezami kif ghamilt jien imbaghad jista' jikkonferma"** (sottolinear tal-esponenti)

Mistoqsi mill-Ewwel Onorabbli Qorti dwar jekk wiehed setax jiguh xi dubji dwar l-awtenticita' ta' tali *mobile* galadraba juzah u jesperjenza s-*software*, Dr Farrugia Sacco jikkonferma li lanqas dan ma kien il-kaz stante li s-*software* li fuqu jopera il-*mobile* in kwistjoni u dak uzat mill-*mobiles* Samsung huma simili.

*In oltre* l-istess espert fl-istess deposizzjoni jistqarr illi:

"*Biex tinduna kif spjegajt ahjar fir-rapport in lay men terms biex nghidu hekk il-fatt li m'hemmx l-IMEI number fuq il-kaxxa diga hija stramba ghax inti fejn suppost tkun,* ***imma inti fejn ma tkunx imdorri facli ma tindunax.*** *Kif tarah mad-daqqa t'ghajn tghid isma' dan forsi xi mudell gdid imma jekk tmur fuq l-internet u toqghod tqabbel tinduna li hemm xi haga differenti. Jekk tixghelu the software is more or less the same but its inside which is a bit different, jigifieri kieku ntih il-mara ghal ezempju kieku ntih lil mara tieghi ma nahsibx li ha tinduna mid-daqqa t'ghajn…. Jidher l-istess imma m'huwiex*" (sottolinear tal-esponenti)

[6] Vide fol. 2 tad-deposizzjoni tieghu

Ghaldaqstant, l-esponenti jsostnu li huma ma kellhom l-ebda suspett dwar l-awtenticita' tal-'*mobile phone*' in kwistjoni, specjalment meta tikkunsidra l-fatt illi ghalkemm il-parti leza huwa "into I.T."[7], lanqas biss intebah li tali *mobile* ma kienx wiehed genwin.

**B.3 Dwar il-provenjenza tal-*mobile***

Kif tixhed kemm l-istqarrija tal-appellant Farrugia kif ukoll dik tal-appellanti Grima, iz-zewg appellant ikkoperaw bis-shih mal-Pulizija u taw it-taghrif kollu li setghu jaghtu dwar is-sors ta' dan il-*mobile*.

Fil-fatt l-appellant Farrugia fl-istqarrija li rrilaxxa huwa stess nhar is-16 t'Awissu, 2015 sostna illi tali *mobile* in kwistjoni kien mibjugh lilu minn Taljan.[8]

*In oltre* l-appellanti Grima fl-istqarrija taghha tas-16 t'Awissu, 2015 stqarret illi "Niftakar li xtrajna l-imsemmi *mobile* minn ghand taljan li gie wara l-bieb tad-dar taghna l-Imgarr."[9] L-appellanti tkompli ssostni illi "…minhabba li xtrajnieh minn ghand taljan, seta jkun li dan gabu b'irhas u nista' nghid li ma kienetx l-ewwel darba li xtrajna oggetti minn ghand din il-persuna u qatt ma qarraq bina."[10]

Ghalkemm fis-sentenza appellata l-ewwel Onorabbli Qorti ssaqsi ghaliex l-esponenti ma ghamlu lanqas l-icken tentattiv sabiex lill-Pulizija jindikawlhom dan it-Taljan, fl-umli fehma tal-appellanti tali mistoqsija ma taghmel l-ebda sens stante li l-esponenti

---

[7] Vide fol. 60 tal-Atti Processwali

[8] Vide Dok NV8 a fol. 50

[9] Vide Dok NV9 a fol. 52 et. Seq. tal-Atti Processwali

[10] Vide fol. 53 tal-Atti Processwali

rrispondew kwalunkwe domanda maghmula lilhom minn kwalunkwe ufficjal tal-Pulizija anke dawk rigward is-sors tal-*mobile*. Ir-risposta ghal tali mistoqsija, ossia ghar-raguni ghala dan it-Taljan baqa' qatt ma gie identifikat, aktarx iva milli le, tinsab fis-sentenza appellata stess meta a fol. 6 tas-sentenza appellata l-Qorti tinnota illi "il-Pulizija ma jidher li ma ghamlet l-ebda sforz ulterjuri sabiex tiskopri l-identita' ta' dan it-Taljan."

Bl-ikbar umilta' u rispett, l-esponenti jistaqsu ghala ghandu jinzergha d-dubbju fin-nuqqas ta' kooperazzjoni taghhom meta kienu l-Pulizija stess li naqsu milli jaghmlu sforz u jaslu ghal tali individwu?

**B.4 Dwar il-hazen tal-esponenti**

Permezz tas-sentenza appellata, l-Ewwel Onorabbli ma accettatx il-kredibilita' tal-appellanti u d-dikjarazzjoni taghhom tan-nuqqas tax-xjenza dwar il-falzita' tal-*mobile* in kwistjoni billi ipprogettat numru ta' mistoqsijiet li jizirghu dubji li, fl-umli fehma tal-esponenti, xorta wahda ma humiex applikabbli fid-dawl tal-kaz *de quo*.

Primarjament l-Ewwel Onorabbli Qorti sostniet illi dan it-'Taljan' ma kienx ghajr 'a figment of their imagination' jew jekk veru ezista u vera xtrawh minghandu dan kien infurmahom dwar in-nuqqas ta' awtenticita tieghu. Bir-rispett kollu pero l-esponenti ma jistghu jaqblu qatt ma tali supposizzjoni, tant hu hekk illi kemm l-appellant Farrugia kif ukoll l-appellanti Grima rrispondew kwalunkwe mistqoqsija maghmula lilhom rigward dan it-Taljan. Il-fatt illi kemm Farrugia kif ukoll Grima fl-istqarrija rilaxxatta rispettivament minnhom baqghu jsostnu illi l-*mobile* in kwistjoni kien originali jkompli jikkorraborra t-tezi tal-appellanti illi dan it-Taljan veru ezista u li huma qatt ma kienu konxji tal-fatt illi dan il-*mobile* ma kienx wiehed genwin.

Jigi mfakkar kif fil-kamp penali ma hemmx lok ghal supposizzjonijiet minn xi parti fil-kawza u s'intendi certament ma huwiex permessibbli ghall-Qorti li taghmilhom/tohloqhom u tistrieh fuqhom ai fini tal-gudizzju.

L-ewwel Onorabbli Qorti nnuttat ukoll kif tali *mobile phone* in kwistjoni nxtara biss ftit qabel mal-istess *mobile* tpogga ghal bejgh. Madanakollu tali fatt ikompli jikkorrabora mal-verzjoni li taw l-appellanti stess meta sostnew illi nbiegh daqshekk malajr ghax l-appellanti mhux imdorri juza *mobiles* bis-sistema Android u mal-ewwel ftit sieghat illi l-appellanti Farrugia uzah, mill-ewwel intebah illi l-*mobile* in kwistjoni u l-*mobiles* li normalment juza huwa, huma ferm differenti u konsegwentament minghajr ebda dewmien irreklama l-istess *mobile* ghal bejgh fuq Facebook. Bir-rispett kollu dan b'daqshekk ma jfissirx li l-esponenti kienu jafu li mhux originali u li tefa' dan il-*mobile* ghal bejgh b'mod malizzjuz!

Gie nnutat ukoll illi wara li l-parti leza nforma lill-esponenti dwar il-falzita' tal-*mobile*, l-esponenti waqfu l-kuntatt mal-parti leza. Ghalkemm dan il-kuntatt veru waqaf madanakollu dan ghandu jigi interpretat skond il-kuntest *de quo*, ossia f'sitwazzjoni fejn l-esponenti kienu konvinti li l-*mobile* mibjugh kien wiehed originali. Tant hu hekk illi l-parti leza stess jindika li dak iz-zmien Samsung S6 originali kien qieghed jinbiegh bi prezz simili.

Tant kemm tali konvinzjoni kienet wahda reali li l-parti leza stess jikkonferma fid-deposizzjoni tieghu ta' nhar it-18 t'April, 2016 illi l-appellanti Mary Grace Grima stess qablet mieghu u ma sabet l-ebda oggezzjoni li l-parti leza jikkonferma l-awtenticita' ta' tali *mobile* anzi assiguratu li l-*mobile* kien wiehed genwin u ssuggerietlu jiccekkja l-*applications*, l-isem tal-*mobile* u anke l-*camera*.[11]

---

[11] Vide fol. 17 tal-Atti Processwali

L-esponenti umilment jistaqsu, kieku veru kienu jafu li tali *mobile* kien wiehed falz, kieku kienu jbieghhulu l-parti leza meta l-parti leza stess qalilhom li jrid jiccekja l-awtenticita' tal-*mobile*?

Ir-risposta ghal din il-mistoqsija, aktarx iva milli le tkun fin-negattiv. Madanakollu fil-kaz odjern ma garax hekk. Ghall-kuntrarju, l-esponenti tant kienu konvinti minn dak li qed ibieghu li qablu mal-parti leza u ma sabu l-ebda problema u/jew oggezzjoni li l-parti leza tassigura l-awtenticita' tal-*mobile*.

**B.5 Konkluzjoni**

Tenut kont li l-Prosekuzzjoni trid iggib prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u li min-naha l-ohra l-imputat huwa tenut li jipprova dak li jallega *'on a balance of probabilities'*, l-esponenti huma tal-fehma li fuq bazi ta' probabbilita' huma rnexxielhom jipprovaw illi:

a. Fiz-zmien illi inbiegh dan il-*mobile* huma ma kellhomx ragun jahsbu illi l-*mobile* ma kienx wiehed genwin;
b. Meta mistoqsija mill-ufficjali tal-Pulizija huma taw t-taghrif li setghu jaghtu dwar il-provenjenza ta' dan il-*mobile* u li kien nuqqas mill-Pulizija stess illi ma ghamlu l-ebda sforz ulterjori sabiex jiskopru l-identita' ta' dan it-Taljan; u
c. Fil-mument illi nbiegh dan il-*mobile* huma mxew bla hazen.

Konsegwentament, fl-umli fehma tal-appellanti, a bazi tal-provi prodotti, tenut kont id-disposizzjonit tal-artikolu 302 tal-Kap 9, qatt ma setgha jitqies illi l-appellanti mxew dolozament u ghaldaqstant ma setghu qatt jinstabu hatja tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontra taghhom.

**C. <u>Dwar is-sehem tal-appellanti Grima</u>**

Dan l-aggravju qieghed jingieb il-quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti.

L-appellanti Grima, fil-kaz *de quo,* instabet hatja bhala ko-awtur f'reat ta' qerq fil-kummerc u fl-industrija. Illi mill-provi prodotti fil-mori ta' dawn il-proceduri quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti jemergi bic-car illi effettivament kien l-appellant Farrugia illi tefa' dan il-*mobile* in kwistjoni ghall-bejgh fuq is-sit socjali Facebook u sa dan il-punt l-appellanti Grima la kienet prezenti waqt li tali *mobile* kien qieghed jinxtara minghand it-Taljan u lanqas meta l-istess *mobile* ntefgha ghall-bejgh fuq Facebook.

L-appellanti Grima dahlet fl-istampa wara li l-parti leza kien diga lahaq ftiehem mal-appellant Farrugia dwar il-prezz, il-hin, u l-post minn fejn tali *mobile* kellu jingabar. Kien biss wara li l-parti leza wasal fil-post miftiehem bejnu u bejn Farrugia illi l-appellanti Grima harget bil-*mobile*, ghaddietu lill-parti leza u sussegwentament rciviet il-flus mill-bejgh ta' dan il-*mobile*.

Illi sabiex Grima setghet tinstab hatja bhala ko-awtur f'dan ir-reat, l-Ewwel Onorabbli kellha tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li effettivament Grima, b'mod partikulari, kienet taf li tali *mobile* ma kienx originali u li sussegwentament bieghetu lill-parti leza b'mod malizzjuz!

Sabiex l-appellanti Grima setghet tinstab hatja bhala ko-awtur, kif effettivament instabet hatja, ried jirrizulta sodisfacentement ippruvat mill-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni illi <u>kien hemm il-partecipazzjoni materjali taghha mal-ezekutur dirett tal-att konsumatur tar-reat izda u fuq kollox illi l-appellanti Grima pprestat l-ko-operazzjoni diretta u essenzjali taghha ghall-esekuzzjoni tad-delitt.</u>

Jigi mfakkar illi l-Qorti Kriminali fuq dan il-punt procedurali fis-sentenza fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Xuereb'[12] sostniet:

**"***Dak allura illi irid johrog mill-atti probatorji mhuwiex biss l-att materjal li jindika il-presenza fizika tal-akkuzat fuq il-post tad-delitt ghaliex dan l-element wahdu ma jistax jistabilixxi r-reita', izda ukoll irid jirizulta illi huwa ikun ha sehem attiv fil- kummissjoni tar-reat u ukoll illi kien hemm 'l hekk imsejjah "common design" bejn l-aggressur u l-akkuzat u dan lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Ukoll il-fatt materjali wahdu li persuna tkun ghenet biss fil-kummissjoni tad-delitt ghalhekk ma jistax iwassal ghal figura tal-ko-awtur, izda ghal dak tal-komplici billi kif inghad l-ko-awtur irid necessarjament ikun ha sehem atttiv fil-kummissjoni tad-delitt u mhux semplicement offra l-ghajnuna tieghu fil-preparazzjoni ghal kummissjoni tar-reat jew sabiex l-att materjali tal-ezekuzzjoni tad-delitt jirnexxi***."**

Dan allurra necessarjament jimplika illi ried ikun hemm ftehim pre-ordinat bejn Farrugia u Grima ai fini li jigi kommess ir-reat in kwistjoni. Fin-nuqqas ta' prova li ssosstni t-tezi tal-Prosekuzzjoni u cioe li kien hemm xi forma ta' ftehim bejn l-appellanti Grima u Farrugia, certament ma jistghax jinghad b'certezza morali li Grima kienet qieghda tippartecipa u/jew li kienet konxja li kienet qieghda tippartecipa f'dan ir-reat.

Fil-kaz odjern, il-Prosekuzzjoni naqset milli tippoduci l-prova regina f'dan il-kaz, ossia, il-prova li kien jezisti xi forma ta' '*common design*' bejn l-appellanti Grima u Farrugia sabiex jigi kommess id-delitt mertu tal-kaz.

Ghaldaqstant a bazi tas-su espost, fid-dawl tal-fatt illi minn imkien fl-atti processwali ma jirrizulta illi l-appellanti Grima kienet taf u volontarjament qablet li tippartecipa fil-kummissjoni ta' dan ir-reat, l-appellanti ma setghet qatt tinstab hatja bhala ko-awtur.

---

[12] Deciza nhar it-13 ta' Ottubru, 2016 per Onor. Imhallef E. Grima

## D. Dwar il-Piena

### D.1 Fuq linea Generali

Minghajr pregudizzju ghall-aggravji su esposti u fl-eventwalita' biss li l-aggravji precedenti jigu skartati minn dina l-Onorabbli Qorti, fl-umli fehma tal-esponenti, tenut kont ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, il-piena mposta fuqhom ma hijiex wahda ekwa u gusta ghal kaz odjern u b'hekk timmerita temperament.

Illi in linea generali jibda biex jinghad li **"***l-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.*

*Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena***."**[13]

Illi fl-umli fehma tal-appellanti, tenut kont ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, il-piena mposta fuqhom, specjalment dik imposta fuq l-appellant Farrugia, ossia dik ta' sitt xhur ta' prigunerija effettiva, ma hijiex wahda ekwa u gusta ghal kaz odjern u b'hekk timmerita temperament. Jinghad ukoll li filwaqt li l-gudikant, fil-ghoti tal-piena ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta' u tar-reazzjoni tal-istess socjeta', madanakollu l-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta tal-pubbliku in generali. Kif sostna Lord Justice Lawton fil-kaz R v Sargeant[14]:

---

[13] Ir-Repubblika ta' Malta vs rene sive Nazzareno Micallef deciza nhar it-28 ta' Novembru, 2006 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef V. DeGaetano, Onor Imhallef J. A. Filletti u Onor. Imhallef D. Scicluna

[14] (1974) 60 Cr. App. R. 74.

***"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."***

**D.2 Dwar il-Proporzjonalita' fil-piena u l-aspett riformattiv tas-sistema penali taghna**

Fis-sentenza moghtija fil-kawza 'Il-Pulizija vs Maurice Agius'[15] , il-Qorti tal-Appell Kriminali sahqet illi *"huwa car...., li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac- cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija."*

Fl-umli fehma tal-appellanti, tenut kont it-tipologija u s-severita' tar-reat odjern, il-piena mposta hija wisq harxa.

Kenny fil-ktieb tieghu 'Outlines of Criminal Law' jghallem li:

*"As regards the offence, account must be taken: (1) of the greatness or smallness of the evil likely to result from acts of its class; (2) of the facility and difficulty with which it can be committed or, again with which it can be detected; (3) of the frequency or rarity with which, at the particular time concerned, acts of this class are being committed; (4) of the aggravating or extenuating circumstances which accompanied this particular act*...

[15] Deciza nhar it-13 ta' Novembru, 2009 per Onor. Imhallef V. DeGaetano

As regards the offender himself, account must be taken: (1) of his age, health and sex; (2) of his rank, education, career and disposition; (3) of his motive; (4) of any temptation, or intoxication under the influence thereof he acted; (5) of his susceptibility to punishment…"

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawzi fl-ismijiet **'<u>Il-Pulizija vs Stephen Spiteri'</u>**[16] sostniet illi:

*"Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga', bil-fatti, wera soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza … tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l-iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum il-kuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac- cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t- triq it-tajba"*

Fid-dawl ta' dak li tghallem il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza supra-riferita l-appellant Farrugia bir-ragun jistaqsi:

---

[16] Deciza nhar it-22 ta' Settembru, 2013

**1.** Ghalfejn fil-kaz tieghu l-Ewwel Qorti emmnet illi fid-dawl tac-cirkostanzi odjerni, piena ta' prigunerija effettiva hija wahda adekwata u gusta meta il-veru skop tas-sistema gudizzjarja taghhna hija wahda riformattiva?

**2.** Anke jekk ghall-grazzja tal-argument, l-Ewwel Qorti emmnet li jehtieg li l-esponenti jirriforma ruhha, pero' fid-dawl tal-fatt illi dan kien incident ta' darba, hemm xi haga li effettivament jehtieg li tigi rifurmata?

Papa Frangisku fil-laqgha mal-prigunieri tas-6 ta' Novembru 2016 fl-okkazjoni tal-Gublew tal-Hniena qal:

***"Sometimes, a certain hypocrisy leads to people considering you only as wrongdoers, for whom prison is the sole answer. We don't think about the possibility that people can change their lives; we put little trust in rehabilitation.***

L-esponenti, specjalment l-appellant Farrugia, jemmnu illi l-piena nflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti kemm fil-kwalita` taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita`, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accennat u accettat, fil-kuncett ta' gudizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum.

L-esponenti jaghmlu referenza ghall-awtur Profs. Albin Eser, gurista u imhallef, fejn fil-kitba tieghu intitolata '*Human Rights Guarantees for Criminal Law and Procedure in the EU-Charter of Fundamental Rights*',[17] Profs Eber jghallem:

**"***On the judicial level the penalty must not be disproportionate to the offence. In every single case it has to be examined whether the imposition of a criminal sanction is required in order to reach*

[17] Eser, A. (2009). 'Human Rights Guarantees for Criminal Law and Procedure in the EU-Charter of Fundamental Rights'. Ritsumeikan Law Review, [online] (26). Available at: http://www.ritsumei.ac.jp/acd/cg/law/lex/rlr26/albin%20esrr.pdf [Accessed 3 Nov. 2017].

*<u>the general purpose of punishment and</u> whether <u>the importance of the objects of legal protection are in a proportionate relation to restrictions on the rights of the person concerned."</u>*

Illi fil-kaz *de quo*, jemergi bic-car illi piena ta' prigunerija effettiva hija wahda spoporzjonata; dan wara li wiehed iqis is-severita u serjeta tar-reat u dan ghad-detriment tal-interess tal-esponenti Fil-fatt il-piena eccessiva ta' piena karceraja li l-Ewwel Onorabbli Qorti ghogobha tinfliggi, ma tistax tigi kkunsidrata bhala piena adekwata sabiex l-appellant Farrugia jirriforma ruhu u ghaldaqstant, l-appellant jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti tinfliggi piena aktar gusta u ekwa.

**D.3 Dwar l-addebitu tar-Recidiva**

Fid-dawl tal-gurisprudenza ta' dina l-Onorabbli Qorti[18], sakemm ma ssirx il-prova mil-prosekuzzjoni li piena konsistenti f'multa giet imhallsa fis-shih, dik id-decizjoni, dejjem jekk res judicata, ma tistax titqies li hija prova valida ai fini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Fil-kaz odjern, kemm il-fedina penali tal-appellant Farrugia pprezentata mill-Prosekuzzjoni a folio 45 kif ukoll is-sentenza mill-Qorti tal-magistrati ppreseduta mill-Magistrat Francesco Depasquale a folio 54 u 55 jindika illi giet mposta fuq Farrugia piena ta' multa. Madanakollu minn imkien fl-atti ma tezisti l-prova li dik il-multa thallset u/jew li giet skontata in segwitu ghal konverzjoni tal-istess fi prigunerija.

Ghanda ssir referenza ghal sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija vs</u>**

---

[18] Il-Pulizija v. Richard Edwards, deciza 13/10/10 appel 233/2010 per Onor. Imh. D. Scicluna;

Il-Pulizija v. Keith Camilleri, deciza 13/10/10 appel 178/2010 per Onor. Imh. D. Scicluna;

Il-Pulizija v. Anthony Borg, deciza 16/11/06 per Onor. Imh. J. Galea Debono

**Joseph Grech'**[19] fejn il-Qorti ddecidiet illi:

**"Maghdud dan, madanakollu hemm ostakolu iehor li izomm lil din il-Qorti milli tqies dawn id-decizjonijiet ai fini tal-addebitu tar-recidiva. Illi ghalkemm kif inghad ma jenhtiegx li issir l-prova permezz tar-Registratur tal-Qorti li dawn is-sentenzi ghaddew in gudikat u dan ghal motivi migjuba, madanakollu din il-Qorti tara illi kien jenhtieg ghal Prosekuzzjoni li jigi ippruvat is-segwenti u dan dejjem ai fini ta' dak dispost fl-artikoli 50 u 289 tal-Kodici Kriminali: 1. Illi kif inghad f'zewg sentenzi jirrizulta illi l-appellanti wehel il-piena tal-multa. Sabiex allura id-decizjoni tista tintuza ai fini ta' recidivita' kif mahsub fl-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali jenhtieg li issir il-prova illi dik is-sentenza giet skontata permezz tal-hlas tal-multa."**

A bazi tas-su espost kollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kelliex ragun meta fis-sentenza appellata sostniet illi "Rigward Farrugia l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova anke l-addebitu tar-recidiva meta esebiet sentenza tal-25 ta' Novembru, 2014, minnfejn tirrizulta l-identita' tal-imputat."

Ghaldaqstant stante li ma ngabet l-ebda prova li turi li tali multa giet mhallsa, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt ssib lill-appellant Farrugia hati taht l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

---

[19] Deciza nhar it-28 ta' Gunju, 2017 per Onor. Imhallef E. Grima

Ikkunsidrat,

Illi f'din il-kawza l-appellanti qed jitolbu konferma fir-rigward tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti rigward fejn astjeniet li tiehu konjizzjoni tal-ewwel u it-tieni akkuza peró talbet thassir fiha fir- rigward ta' dik il-parti fejn sabet lill-appellanti hatja tat-tielet akkuza u lil James Farugia hati tal akkuza ta' recidiva u f'kaz li tikkonferma il htija taghhom f' dan ir- rigward talbu tibdil fil-piena sabiex tkun wahda aktar proprozjonata ghal dak li gew akkuzati bih.

Din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.[20]

F'Blackstone's Criminal Practice 2001 naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

*"The case of Cooper [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):*

---

[20] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez u rRepubblikata' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u IrRepubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

*'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this*
*court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere.*

*Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case. However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury*
*should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** [21], intqal hekk::-

*"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet*

[21] Deciza fl-1 ta' Dicembru 1994

*emmnuta ….., il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament ."*

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija dwar l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellanti principalment fir-rigward tar-reat naxxenti mill-artikoli 298 (1)(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi skond l-artikolu 302 tal-Kodici Kriminali, f'akkuza dedotta taht l-artikolu 298(1)(f), l-akkuzat jitqies li jkun mexa dolozament , kemm il-darba ma jippruvax illi, wara li jkun ha l-prekawzjonijiet kollha mehtiega sabiex ma jiksirx id-dispozizzjonijiet tal-art.298(1)(f), fiz-zmien li ghamel id-delitt, ma kellux ragun jahseb illi l-marka jew sinjal ma kienux veri u li meta hu jkun gie mistoqsi mill-Pulizija huwa jkun ta t-taghrif kollu li seta' jaghti dwar il-persuni li minn ghandhom ikun gab dik il-merkanzija u li, mill-bqija, huwa jkun mexa bla hazen. Ghalhekk l-oneru tal-prova f'dan il-kaz jaqa' fuq l-appellant.

Ikkunsidrat ulterjorment,

Nhar it-18 ta' April 2016 xehed l-allegat vitma **Jonathon Galea** u spjega li fid-9 ta' Awwissu 2015 kien ra reklam fuq facebook (dok JG) dwar il mobile phone tal-ghamla Samsung S6 li kien qed jigi reklamat ghall-prezz ta' erba' mitt euro (€400) u kien qed jigi reklamat minn James Farrugia. Huwa mar ikellmu ghax kien interessat li jixtrih u ghamillu offerta ghall-prezz ta' tlett mija u sebghin Euro (€370) u dan Farrugia accetta li ibieghlu dan il-mobile ghal dan il-prezz. Ftiehmu li kellu imur ighaddi ghalih l-iMgarr. Qal li meta wasal hemm dan Farrugia baghat lit-tfajla tieghu bil mobajl f'kaxxa bajda, bil-kliem Samsung Galaxy S6 fuqu u kollox, xeghel il-mobile u kellu xi five per cent bhala charge u beda jiccekja is-software u hekk tal-mobile biex jara x'kundizzjoni kellu. Jghid li mal-appellant James Farrugia ma iltaqax izda iltaqa' ma Marygrace Grima. Pero' stqarr li gharaf lil James Farrugia prezenti fl-awla mill-profile tieghu fuq facebook.

Jghid li lil Marygrace Grima qallha jekk setghax jiccekja is-serial number sabiex jara jekk kienx misruq u hija ma kellhiex ogezzjoni, qaltlu' serrah mohhok, il-mobile originali u tista' anke ticcekja l-camera biex tara l-applications, il-pixels etc. Huwa ccekkja kollox u hekk kien jindika li kollox kien sew. Huwa pprezenta dan il-mobile li gie mmarkat bhala dok NV1 u pprezenta ukoll il-kaxxa tieghu li giet mmarkata bhala dok NV u din ukoll giet moghtija lilu minn Marygrace Grima.

Huwa dahal fil-website biex jiccekkja l-IMEI number u s-serial number tieghu. Is-serial number ma telghax izda peress li kien gdid seta ma jitlax u s-serial number tela u mmarka li kien originali. Talabha ricevuta u qaltlu li kien xtrah missier James mill-Ingilterra u li kellha kopja u li kienet ser tiskanhajielu.

Huwa telaq bih u qabel ma telaq baghat in-numru tal-IMEI number u tas-serial number lil James Farrugia biex jaghmel aktar verifiki dwaru u dan qallu li ma kienx hemm problema dwar dan.

L-ghada spjega li kien gibed xi ritratt u ma harigx car (Dok C) u ghalhekk beda jisuspetta li ma kienx originali u ghalhekk cempel lil habib tieghu li jahdem go hanut tal-mobiles mgharuf bl-isem ta' Klikk u qallu x'kellu jghamel u meta dahhal l-informazzjoni fuq l-applikazzjoni li kien installa hareg li ma kienx wiehed originali.

Dak il-hin baghat messagg lil James u qallu li ma setax issib is-serial number u ghalhekk ried il-flus lura u malli sar hekk dan ibblokjajh minn fuq facebook. Wara pprova jikkomunika mieghu telefonikament izda ma kienx qieghed iwiegbu. Baghtlu messagg li ried flusu lura izda baqa' bla risposta u skopra li kien ibblokjah ukoll minn fuq il-mobile. Sab in-numru tat-tfajla tieghu u talabha flusu lura u din wegbitu li ghaliha l-mobile kien originali.

Qali huwa ghamel il-verifiki tieghu fuq l-E bay u qal li dak iz-zmien il-mobile kien jinbiegh €450 u huwa xtrah €370.

Mistoqsi jghid x'qaltlu t-tfajla Grima jghid li qaltlu sabiex jiccekkja l-applications kif installati u dan permezz ta' isem il-mobile u qaltlu ukoll biex jiccekkja l-camera li kellha turih 16 mega pixels u dan biex tizgura li l-mobile kien wiehed originali. Qaltlu ukoll li l-mobile xtrah missier James li jghix l-Ingilterra izda James ma riedux ghax ihobb juza l-Apple.

Mistoqsi jispjega kif sar jaf li ma kienx genwin jghid li kien cempel lil habib tieghu li jahdem fil-mobiles u qallu biex jinstalla software li jismu Samsung phone info. Huwa installa dan is software l-ghada li xtrah u minn hemm induna li l-mobile phone ma kienx originali. Jghid li ricevuta ma inghatax.

Huwa esebixxa il-korrrispondenza li ghaddiet bejnu u bejn James Farrugia minn fejn jirrizulta li tah id-dettalji tieghu fis-sens tal-karozza li kien ser juza biex imur jigbor il-mobile, in-numru tat-telefon tieghu u kif in effetti sar in-negozju.

In kontro ezami nhar it-23 ta Mejju 2016, ix-xhud jikkonferma li l-mobile li kien xtara minghand l-appellant kien clone vera tajjeb u dan ghaliex il-mobile fid-dehra tieghu kien jidher originali u l-applications li kienu installati fuqu kollha kienu tas-Samsung. Spjega li inghata lilu fil-kaxxa li mad-daqa t'ghajn dehret li hija kaxxa tas-Samsung. Taht il-mobile fil-kaxxa kien hemm ic-charger zgur u kien hemm ukoll xi karti pero' ma ftakarx jekk kinietx il-garanzija jew le.

Qal li meta installa l-application tas-Samsung hargu d-diskrepanzi fosthom li l-camera kient 6 mega pixels, il-processor kien differenti ghax ma kienx wiehed tas-Samsung u kien hemm xi affarijiet ohra per ezempju l-ammont ta' *RAM* ma kienx l-istess bhal tal-mobile originali. Ikkonferma li hua IT savvy. Huwa imbagahd baghat mesaggi lil James

Farrugia li gew markati bhala dok AA pero' ma bediex iwiegbu u wara beda jikkomunika ma' MaryGrace Grima.

L-ewwel Qorti kienet innominat lil **Dr Stephen Farrugia Sacco** b'digriet taghha tat-18 ta' April 2016 sabiex jezamina il-mobile phone u nhar id-19 ta Settembru 2016 huwa deher il-Qorti u pprezenta r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dok SFS. Huwa kkonferma li ic-cellulari ma kienx wiehed awtentitku ghalkemm stqarr li jekk bniedem ma jkunx dilettant ma jindunax bih malajr. Pero' appena tqabdu mas-Sistema tintuda li ic-chip tieghu m'hix wahda li is-soltu tintuza ghal dak il-mudell. Apparti minn hekk l-IMEI li is-soltu tkun fuq il-kaxxa ma kinietx hem u lanqas in-numru tac-cellurali ma giex rintraccat. Acenna li kien 'a very very very good imitation'.

In kontro ezami nhar l-14 ta Marzu 2017 jaghmel referenza ghall-dak mistqarr minnu fir-rapport tieghu fl-artikolu 2.4 fejn qal is segwenti:- "Minn ezami visiv jirrizulta li dan ic-cellurali ma huwiex originali ghalkemm jinghad li m'huwiex facli li wiehed mad-daqqa t'ghajn jinduna b'dan." In otlre ghamel referenza ghall-dak li stqarr in konkluzjoni tieghu u appuntu fl-artikolu 3.3 fejn qal li fil-fehma tieghu dan ic-cellulari m'huwiex celulari Samsung originali u dan hu bbazat fuq ezami visiv kif ukoll tramite software foresniku u anke a bazi tal-kaxxa li fih instab il-mobile. Qal li ma jahsibx li bniedem fit-triq ser jinduna mal-ewwel. Irid jghamel l-ezami li ghamel hu biex jinduna. Biex tinduna li mhux originali, trid tidhol fis-software tighu.

Illi l-appellanti ma xehdux kif kellhom kull dritt pero' rrilaxxjaw stqarrija a tempo vergine tal-invetigazzjoni.

**James Farrugia** fl-istqarrija tieghu esebita fl-atti a fol. 50 mmarkata bhala dok NV8, jikkonferma li kien biegh il-mobile phone tal-ghamla Samsung S6 lil Jonathon Galea. Qal li l-Hadd ta qabel kien avvicinah Taljan u bieghlu dan il-mobile phone ghal prezz ta €370. Huwa imbagahd poggieh fuq facebook biex ibieghu u avvicinah dan Jonathon Galea biex

jixtrih. Dan talbu biex jarah u baghat lit-tfajla tieghu bih. Jghid li ghamlu xi nofs siegha u dan ghogbu u hadu ghal prezz ta' €370. Jghid li mbaghad ircieva minghandu li l-mobile kien falz u talbu il-flus lura. Jaf li qallu li l-mobile phone ma kienx falz u li ghalhekk ma kienx ser itih lura il-flus. Dan qallu ukoll li jekk ma jtihx il-flus kien ser itellghu l-Qorti. Mistoqsi jekk kien jaf li Samsung S6 jiswa aktar ighid li ma jafx kemm jiswa. Mistoqsi ghaliex lil Jonathon Galea qallu li kien originali jghid li ghaliex hekk deher. Mistoqsi jekk hux lest li jtih il-flus lura issa li jaf li l-mobile hu falz jghid li huwa gia lahaq nefaqhom. Mistqosi jekk jiddispjacihx ta dak li gara jghid li le ghaliex ghalih il-mobile kien originali.

**Marygrace Grima** fl-istatement taghha rilaxxjata nhar is-16 ta Awwissu 2015 mmarkata bhala dok NV 9 a fol. 52 tikkonferma li kient bieghet il-mobile phone lil Jonathon Galea. Qalet li kien gie Taljan wara l-bieb taghhom l-iMgarr u xtraw mobile phone minghandu izda wara li xtrawh James qal li jhobb l-Apple u ghalhekk poggih fuq facebook ghall-bejgh fis-sit minn ipartat u min ibiegh. Qal li kien hemm hafna li baghtulhom izda wiehed minnhom kien Jonathon Galea. Ftehmu li jiltaqghu hdejn il-Farmers Bar l-iMgarr u marret hi bih u ftiehmet mieghu li kellu jiehu lura jekk jirrizultalu li kien misruq jew li kien locked. Qaltlu ukoll li jekk ried seta' ma johduhx ghax kien hemm nies ohra li rieduh.

Cio' nonostante hadu u hallasha is-somma ta' €370. L-ghada talabha l-flus lura ghax skopra li ma kienx wiehed genwin. Hija qaltlu li ma kienitx lesta li ttih il-flus lura ghax il-ftehim kien li tiehdu lura jekk jirrizulta li kien misruq jew locked. Mistoqsija jekk kienitx taf li Samsung S6 jiswa aktar tghid li taf u mistoqsija jekk dehriliex allura li seta' kien hemm xi haga hazina fih tghid li le, tant li xtrawh minghand Taljan. Seta' kien il-kaz li akkwistah ghall-prezz inqas. Qalet li hija ma qaltlux li kien originali salv meta wara li xtrah allega li ma kienx u hi qaltlu li ghalija kien originali. Mistoqsija jekk kienitx lesta li ttih il-flus lura tghid le, ghaliex dak ma kienx in-negozju li sar bejniethom. Qalet li hija kienet tahseb li c-cellulari kien originali.

Ikkunsidrat ulterjorment,

Illi għalhekk il-provi li jirrizultaw mill-atti huma s-segwenti:

1. Li l-appellanti verament biegħu lil Jonathon Galea dan il-mobile phone Samsung S6 għall-prezz ta' €370.

2. Illi dan il-mobile phone jirrizulta li ma kienx wieħed ġenwin u li għalhekk l-allegat vitma xtaq il-flus lura u jirritorna l-mobile lill-appellanti.

3. Illi skont Marygrace Grima dan ma kienx parti mill-ftehim u għalhekk ma xtaqux jirritornaw il-flus u jieħdu lura il-mobile phone.

4. Jirrizulta ukoll li *a colpo d'occhio* il-mobile phone ma dehrx li kien falz, izda kien biss wara li sar ezami approfondit fuqu li wieħed seta' jinnota li ma kienx wieħed originali izda wieħed falz, kif spjega l-espert fix-xhieda tiegħu.

L-appellanti kienu akkuzati u instabu ħatja tr-reat kif dispost fl-**artikolu 298(1)(f) tal-Kap 9** u cioe' "*talli xjentement qiegħdu fic-cirkolazzjoni, biegħu jew żammew għandhom għall-bejgħ jew importaw għal-ħsieb ta' kummerċ, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebhin b'qerq*"

Ta' min jfakkar dak li ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Gawdenzio Borg**,[22] fejn ingħad li:-

"*Bil-kelma 'emblema, wieħed għandu jifhem dak l-assjem ta' kliem, kuluri, sinjali, marki u stampi jew kombinazzjoni li xi wħud minnhom, maħsuba sabiex iwasslu messaġġ possibilment dwar l-origini, l-provenjenza jew n-natura tal-merkanzija [vide* ***Il-Pulizija v Alexander Pisani****, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l-ħamsa ta' Marzu 1997] ġie ritenut li l-emblema trid tkun imxebbha b'qerq, jiġifieri magħmula tixbaħ, u għalhekk mhux neċessarjament identika għal waħda awtentika bl-iskop li tqarraq. L-istess, naturalment jingħad għal marka jew sinjal, dawn iridu jkunu jixbhu marka jew sinjal awtentiku, ma hemmx għalfejn li l-marka, sinjal jew emblema jkunu stampati, tista tkun meħjuta.*"

[22] mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-26 ta' Awissu 1998

Illi il-Prosekuzzjoni, ghandha tipprova s-segwenti elementi ghal ezistenza ta' dan r-reat u cioe:

a. li l-appellanti 'xjentement' qieghdu fic-cirkolazzjoni, bieghu, jew zammu ghandhom, jew importaw;

b. ghall-hsieb ta' kummerc;

c. merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema mxebbhin b'qerq

Fil-kaz in dezamina ma hemmx dubbju li l-prosekuzzjoni pprovat li l-mobile phone indezamina kien fil-pusess tal-appellanti u poggewh fic-cirkolazzjoni tant li rreklamawh fuq is-sit tal-facebook 'min ipartat u min ibiegh', dan ghamlu bi hsieb ta' kummerc u cioe' sabiex ibieghuh u meta in effetti kellu sinjali imxebbhin b'qerq. Jibqa' biss li tigi trattata il-kelma 'xjentement ' li hija il-pern tal-kwistjoni. Dan pero' ser tghamlu aktar l'quddiem.

L-Qorti l-ewwel nett se titratta l-kwistjoni dwar dak solevat mill-appellanti fl-appell taghhom, fis-sens li l-prosekuzzjoni ma pprovatx li gew lezi xi drittijiet tal-awtur u cioe' tas-socjetá Samsung. Il-Ligi tipprovdi fl-artikolu 650(1) tal-Kap 9 is-segwenti dwar il-hatra ta espert:-

***"Fil-kazijiet kollha li fihom ghall-ezami ta' persuna jew ta' haga tkun tinhtieg hila jew sengha specjali*** *[fit-test ingliz:* ***special knowledge or skill], ghandha tigi ordnata perizja."***

Sabiex persuna jkollha hila jew sengha specjali mbaghad, mhuwiex mehtieg, ghall-finijiet ta' din id-disposizzjoni tal- ligi, li dik il-persuna tkun akkwistat tali hila jew sengha unikament permezz ta' studji formali fil-branka partikolari.

Bhalma naqraw f'**Blackstone's Criminal Practice** 2001[23] , "*whether a witness is properly qualified in the subject calling for expertise is a question for the court. Such competence or skill may stem from formal study or training, experience, or both*". Fis-sentenza tas-South Australia Supreme Court fl-ismijiet **R. v. Bonython** [24], citat f'Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice 200326, King C.J. qal:

"*Where the witness possesses the relevant formal qualifications to express an opinion on the subject, an investigation on the voir dire of his methods will rarely be permissible on the issue of his qualifications. There may be greater scope for such examination where the alleged qualifications depend upon experience or informal studies.... Generally speaking, once the qualifications are established, the methodology will be relevant to the weight of the evidence and not to the competence of the witness to express an opinion....If the qualifications of a witness to give expert evidence are in issue, it may be necessary to hear evidence on the voir dire in order to make a finding as to those qualifications....*"

Fil-kaz in dezamina l-Qorti nnominat lill-espert Dr Steven Farrugia Sacco sabiex jaqdi dan l-inakarigu u jezamina l-mobile phone esebit u dan ikkonferma bil-gurament tieghu li l-mobile phone esebit fl-atti ma kienx wiehed genwin. Stqarr li sabiex wassal ghall-din il-konkluzjoni huwa ghamel ezami visiv kif ukoll permezz ta' uzu ta' applications partikolari ghad-ditta Samsung. Hu stqarr li hemm diversi divergenzi bejn il-mobile phone esebit u dak originali, kif iddeskriva sew fir-relazjoni tieghu u ghalhekk ma kienx hemm lok li l-prosekuzzjoni tipprova ulterjorment li is-socjetá Samsung kellha d-drittijiet taghha lesivi.

[23] Para. F10.3 pagna 2120

[24] (1984) 38 S.A.S.R. 45

L-appellant ghamel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>il- Pulizija vs Mario Giovanni Taliana</u>**[25] pero f'dik il-kawza msemmija, l-imputat Taliana kien akkuzat bir-reat kif dipost fl-artikolu 298(1)(a) li jiddisponi s-segwenti u cioe' talli "ffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distinitivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija, jew, xjentement, ghamel uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid" u huwa f'dan ir-rigward li dik il-Qorti hassest il-htiega li l-prosekuzzjoni naqset milli ggib l-aqwa u l-ahjar prova sabiex ikunu jistghu iregu l-akkuzi fil-konfront tal-imputat, u cioe' hija naqset milli ggib il-prova ta' x'inhuma il-marki, sinjali distintivi jew drittijiet tal-awtur. Ziedet tghid li din il-prova kellha u setghat issir billi jigu prodotti tramite l-Ufficju tal-Kontrollur tal-Propjeta' Industrijali ic-certifikati tar-registrazzjoni tal-imsemmija ditta. Fil-kaz in dezamina pero' din il-Qorti ma thossx li kien hemm din il-htiega ghaliex fil-fehma taghha dan il-fatt gie ppruvat bin-nomina tal-espert Dr. Steve Farrugia Sacco.

**Ix-Xjenza**

Din l-Qorti ma taqbilx mal-assenzjonijiet gratwiti li ghamlet l-ewwel Qorti fir-rigward ta' dan it-Taljan ghaliex jista' jghati l-kaz li l-appellanti xtraw il-mobile phone minghand Taljan ghaliex illum il-gurnata hawn hafna minnhom mas-saqajn jghamlu negozju 'door to door' minghajr ma ghandhom il-licenzji mill-awtoritajiet lokali. Forsi wasal iz-zmien li l-Awtoritajiet jaghtu kaz ta' dan it-tip ta' kummerc li qed isir mal-irhula kollha taghna bi ksur tal-ligijiet tal-kummerc. Jista' jaghti l-kaz li l-appellant Grima qalet li kienet akkwistatu minghand missier James biex ma turix li kienet qed tikser il-ligi u tixtri prodotti minghand persuna mhux awtorizzata. Dan il-fatt *ut sic* u cioe' li hemm zewg verzjonijiet dwar il-provenjenza tal-mobile ma jfissirx li kienu xjenti tal-fatt li l-mobile ma kienx originali.

---

[25] Op cit

Il-Qorti fliet sewwa r-relazzjoni tal-espert tekniku nominat f'dawn l-atti u minn ezami tal-istess, jirrizulta li dan il-mobile phone kif kien u sahansitra anke ppakjat, ma kienx wiehed li *a colpo d'occhio* deher mhux genwin. Illi l-espert jispjega fid-dettal id-dehra ta' dan il-mobile u li huwa seta' jikkonferma li kien mhux originali wara li ghamel ezamijiet forensici fuqu u ma strahx biss fuq ezami viswali minkejja li huwa ghandu esperjenza vasta f'dan il-qasam. Jidher mid-diskors li sar bejn l-appellanti u l-vittma li l-enfasi kien fuq il-fatt jekk il-mobile phone kienx misruq jew locked u hawnhekk l-appellanti stqarrew li jekk kien il-kaz, kienu lesti li jiehduh lura. Din il-Qorti mhiex qed tghid li l-allegat vittma m'ghandux dritt ghar-rimbros tal-flus mahruga minnu, pero' ma thossx li l-agir tal-appellant kien wiehed fejn din il-Qorti tista' tasal ghall-konkluzjoni definita bla ebda dubju dettat mir-raguni li kienu jafu li l-mobile phone ma kienx genwin. Il-Qorti ghandha d-dubji serji taghha dwar jekk l-appellanti innegozjawx dan l-oggett b'mod xjenti meta kienu jafu li ma kienx genwin. Il-Qorti isahhah dan it-twemmin taghha meta rat li Jonathon Galea jghid li l-appellanti Marygrace Grima qaltlu u assiguratu li l-mobile phone kien genwin u qaltlu biex jiccekja l applications kif installati, jiccekja anke bl-isem tal-mobile u qaltlu wkoll biex jiccekja l-camera. Jghid li qaltlu ukoll li kellha ttih sixteen mega pixels u dan biex jizgura li kien genwin. Ghalhekk f'dan il-kwadru l-Qorti tghid li kieku kienet taf li ma kienx genwin kienet tghidlu hi biex jiehu r-ritratt li bih induna li ma kienx genwin?

Jidher ukoll li l-appellanti ma bieghux dan il-mobile phone fl-imwarrab jew bil-mohbi izda poggewh ghall-bejgh fil-pubbliku fuq sit tal-face-book biex jarah kulhadd. Dan fih innifsu ukoll huwa indizju li ma kienux jafu li kienu qed ibieghu prodott li kien falz.

Jinghad ukoll li anke l-prezz li bieghu dan il-mobile ma kienx wiehed irrizorju. Wiehed irid jiftakar li biex pesuna tixtri mobile phone mhux minn hanut izda minn fuq l-idejn trid taghmel bargain ghaliex kieku ma tixtrihx, u ghalhekk il-fatt li nbiegh ghall-prezz ftit

inqas minn dak fis-suq ghaliex Jonathon Galea jghidi li kien jiswa €450, ma jallarmax lil Qorti bhala fattur li jindika x-xjenza tieghu li l mobile phone ma kienx genwin.

Illi ghalhekk statne li din il-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni ma pprovatx li l-appellanti ghamlu uzu ta’ marka, sinjal, emblema b’mod xjenti ma tistax issibhom hatja ta’ din it-tielet akkuza.

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tilqa’ l-appell tal-appellanti, billi issostni li t-tielet akkuza ma tirrizultax u ghalhekk qieghda tvarja s-sentenza appellata billi tikkonferma l-parti tas- sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fejn astjeniet li tiehu konjizzjoni tal-ewwel u t-tieni imutazzjoni, thassarha inkwantu s-sejbien ta’ htija tat-tielet imputazzjoni u fejn ikkundannat lil James Farrugia ghal-sitt xhur prigunerija u lil Mary Grace Grima ghal hames xhur prigunerija sospizi ghal erbatax il-xahar, kif ukoll l-ordni ghall-hlas tal-parti leza u l-hlas tal-ispejjez ai termini tal-artikolu 533, u konsegwentment tilliberahom minn kull htija u piena.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur